MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 407/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal minuri E B li twieled fil-25 ta' Awwissu 1997 u F B li twieled fil-21 ta' Gunju 1999 ;

Premess illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 16 ta' Lulju 2002 ;

Premess illi skond l-artiolu 4 ta' l-kuntratt ta' separazzjoni personali l-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri giet fdata f' idejn il-konvenut C B ;

Premess illi l-konvenut huwa detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ;

Premess illi t-tfal qeghdin prezentement gewa Istitut Fra Diegu l-Hamrun u fi zmien qasir ser ikunu jistghu johorgu liberalment minn dan l-Istitut ;

Premess illi l-konvenut ghandu relazzjoni stabbli u twila ma' mara ta' nazzjonalita' Ingliza ;

Premess l-attrici tibza' illi l-minuri jistghu jigu allontanati jew isiefru mill-gzejjer Maltin ma' din il-mara ;

Premess illi fis-17 ta' Novembru 2004 l-attrici pprezentat mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut ai termini tal-artikolu 877 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex twaqqfu milli jiehu lil uliedhom minuri E B u F B barra minn Malta ;

Premess illi l-attrici ghandha biza' li l-konvenut jahrab barra minn Malta, jew jqabbad lil xi hadd iehor sabiex iharrab, it-tfal minuri tal-partijiet ;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi b' dan li tali mandat ghandu jibqa' in vigore sakemm ma jkunx hemm ragunijiet legalment gustifikabbli sabiex tali mandat jigi revokat u sakemm l-istess minuri isiru maggorenni ;

2. Tordna li l-minuri E B u F B ma jithallewx johorgu minn Malta minghajr il-permess ta' din l-Onorabbli Qorti ;

3. Tordna lill-konvenut jiddepozita l-passaporti tal-minuri ma' din l-Onorabbli Qorti jew ma' l-Awtorita' kompetenti ohra li jidrilha opportuna li tinnomina din l-Onorabbli Qorti ;

4. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti jew lil Ufficcjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti u lil Awtoritajiet kompetenti sabiex ma jinharigx passaporti ghal minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri ;

5. Tordna u tawtorizza lid-Direttur tal-Passaporti jew lil Ufficcjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti sabiex inehhu t-tfal minuri minn fuq il-passaport tal-konvenut jekk dan hu l-kaz ;

6. Thassar u tirrevoka l-artikolu 4 tas-16 ta’ Lulju 2002 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono u sabiex il-kura u kustodja tat-tfal F u E jigu fdati lir-rikorrenti attrici, b’ access adegwat ghall-istess konvenut intimat.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci ;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-affidavit prezentat ;

Rat ir-rapport tal-Haddiema Socjali Maria Camilleri debitament mahluf fid-9 Marzu 2007 ;

Rat ir-rapport prezentat mill-Avukat tat-Tfal Dottor Stephanie Galea fl-4 Awissu 2009 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-qorti tikkonferma dak milqugh fil-mandat ta’ inibizzjoni ottenut minnha fis-sens li twaqqaf lill-konvenut milli jiehu l-ulied minuri tal-partijiet, E u F, ahwa B, barra minn Malta ; inoltre, li din il-qorti tvarja l-klawsola numru erba’ [4] tal-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali ffirmat bejn il-partijiet, billi tafda l-kura u kustodja ta’ l-imsemmija minuri lill-attrici, b’ access adegwat favur il-konvenut.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet, konjugi B, ghandhom zewgt itfal, E u F, li twieldu rispettivament fil-25 Awissu 1997 u 21 Gunju 1999. Fis-16 Lulju 2002 huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono.

Illi skond il-klawsoli numri erba' [4] u hamsa [5] ta' dan il-kuntratt, il-kura u kustodja tat-tfal minuri kienet giet fdata f' idejn il-konvenut, missierhom, b' access liberu favur l-attrici, ommhom.

Illi sussegwentement il-konvenut gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija, bir-rizultat li t-tfal spiccaw rikoverati go istitut.

Illi l-attrici tghid li l-konvenut kellu relazzjoni stabbli u twila ma' mara ta' nazzjonalita' Ingliza, u ghalhekk hemm il-biza' li dan jitlaq bit-tfal barra minn Malta. Kien ghalhekk li hi talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi.

Illi wara perijodu ta' zmien it-tfal ma baqghux jghixu go l-istitut u bdew jghixu ma' l-attrici flimkien mal habib taghha.

Illi fir-rapport taghha, l-Haddiema Socjali Maria Camilleri kienet irrakkomandat, inter alia, li "il-kura u kustodja li prezentement qeda f' idejn il-missier, ghandha tigi riveduta."[1]

Illi jidher li sussegwentement il-pozizzjoni zviluppat b' mod pozittiv favur l-attrici li allura, pendente lite, kienet giet fdata bil-kura u kustodja tat-tfal, b' access liberu favur il-missier.

Illi fir-rapport taghha prezentat fl-4 Awwissu 2009, l-Avukat tat-Tfal, irrakkomandat li t-tfal ghandhom jibqghu jghixu ma' ommhom, filwaqt li ghandu jkun hemm access regolari favur missierhom bhal, per ezempju darba jew darbtejn fil-gimgha.

---

[1] Rapport [2007] fol.59

Jidher li fil-prezent il-konvenut jinsab fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta' l-attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt ; u, tenut kont ta' l-interessi tat-tfal, tafda l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri E u F, ahwa B, f' idejn ommhom l-attrici, b' access liberu favur il-missier meta dan jkun rilaxxjat mill-habs, u fil-kaz li dan jerga' jigi mizmum fl-imsemmija facilita' l-access favur il-missier ikun ta' darba fil-gimgha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attrici ; u tordna li, filwaqt li l-kura u kustodja tal-minuri qed tigi fdata f' idejn l-attrici, l-access favur il-missier ikun kif stabbilit fil-paragrafu precedenti.

L-ispejjez ta' l-ewwel hames talbiet ikunu a kariku tal-konvenut, filwaqt li l-ispejjez tas-sitt talba jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------